MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014

Numru. 1066/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**(Spettur Hubert Cini)**

**Vs**

**Christian Bonello**

**Illum 30 ta' Ottubru, 2014.**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjubha kontra Christian Bonello ta' 29 sena' bin Victor u Rita' xebba Vassallo imwieled Pieta fit-2 ta' Frar, 1985 li joqghod 94 Triq it-Tarzna Rahal Gdid, detentur tal-karta tal-identita numru 110985M;

Talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozzizjonijiet tal-Ligi li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe' talli f'diversi zminijiet bejn is-17 t'Ottubru, 2014 u s-27 t'Ottubru, 2014 mill-fond Numru 207 li jinsab Triq Lampuka Hat-Tarxien u/jew f'dawn il-gzejjer flimkien ma persuna ohra 'kkommetta serq ta' pitturi, lineff tal-kristall, fanali, ghodda, mixers tal-kmamar tal-banju, 'electrical fittings' u/jew oggetti ohra liema serq hu aggravate bil-mezz, hin, lok u valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disa' u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad detriment ta' Gordon Bonello minn Hal-Tarxien u/jew persuni ohra.

Ukoll talli fl-istess cirkostanzi xjentement laqa ghandu oggetti jew stara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentament kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihoom.

Ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll talli kkommetta reat f'perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Magistrat N.G.Sciberras LL.D.

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi;

Rat il-Ligi partikolarment l-Artikolu 18, 334, 49, 50, 289, 261 b, c, e, f, 263, 264, 269g, 267, 270, 279b, 28A tal-Kapitolu 9;

Rat ukoll Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap. 9;

Rat l-ammissjoni tal-imputat;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena.

Regghet semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Fuq ammissjoni, l-imputat qed jinstab hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u l-Qorti qeghda tikkundannah piena ta' prigunerija ghal tliet (3) snin.

Il-Qorti wara li fehmet li l-imputat ghandu bzonn ghajnuna biex jgheleb il-problema tad-drogi, jistieden lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jghamlu l-almu taghhom biex fil-perjodu ta' prigunerija, l-imputat jintbghat ghal programm ta' riabilitazzjoni bl-isperanza li wara li l-imputat ikun skonta s-sentenza, huwa johrog mill-habs bhala persuna riformata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------